MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2109/1998/1

Kawza fil-lista: 18

**Alex Pisani**
**Vs**
**Hubert Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress li l-attur xtara karozza tat-tip Ford Sierra Cosworth numru tar-registrazzjoni G364NCP minghand il-konvenut u dana versu l-prezz ta' sitt elef u hames mitt lira Maltin (Lm6,500);

Peress li meta l-attur xtara l-karozza msemmija din kienet licenzjata fuq certu Marie Elizabeth Baldacchino u peress li dina ghamlet prokura ghal imsemmija vettura fuq il-konvenut liema prokura saret quddiem in-Nutar Grech

Trapani. Illi bis-sahha ta' l-imsemmija prokura l-konvenut seta' jaghmel dak mehtieg sabiex isir it-"transfer" ta' l-imsemmija vettura ghal fuq l-attur. Illi bis-sahha ta' l-imsemmija prokura l-konvenut seta jaghmel dak kollu mehtieg mad-Dwana sabiex ikun jista' jithallas dazju dovut fuq l-imsemmija vettura Ford Sierra Cosworth, liema dazju kellu jithallas lil Kontrollur tad-Dwana;

Peress illi meta l-attur hallas lil konvenut kien hemm il-qbil li l-prezz ta' sitt elef u hames mitt lira Maltin (Lm6500) ma kienux jinkludu d-dazju dovut lil Kontrollur tad-Dwana fuq l-imsemmija vettura;

Peress li granet wara li l-attur xtara dina l-vettura minghand l-konvenut, kien inhareg kontra l-vettura msemmija nota ta' qbid numru 20/1995 mill-Kontrollur tad-Dwana u li b'hekk dina l-vettura inqabdet mid-Dwana u ma' regghet qatt ghand l-attur;

Peress li l-imsemmija nota ta' qbid kienet harget minn ghand il-Kontrollur tad-Dwana peress illi tul iz-zmien li l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut dan kien naqas li jhallas lid-Dwana dazju dovut fuq l-imsemmija vettura Ford Sierra Cosworth;

Peress li permezz ta' skrittura datata 14 ta' Frar 1995, il-konvenut kien obbliga ruhu li huwa jhallas dazju dovut lill-Kontrollur tad-Dwana ghal imsemmija vettura, liema hlas ta' dazju pero' baqa' ma sarx u ghalhekk l-attur baqa' minghajr il-vettura Ford Sierra Cosworth;

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli talli waqt li l-vettura Ford Sierra Cosworth numru tar-registrazzjoni numru G364NCP kienet fil-pussess tieghu huwa naqas li jhallas dazju dovut skond il-ligi lill-Kontrollur tad-Dwana u li konsegwenza ta' dan l-agir harget fuq l-imsemmija vettura nota ta' qbid numru 20/1995 mill-Kontrollur tad-Dwana;

2. Tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lil attur is-somma ta’ sitt elef u hames mitt lira Maltin (Lm6500) rappresentanti l-prezz li l-attur kien hallas ghal vettura Ford Sierra Cosworth numru tar-registrazzjoni numru G364NCP liema vettura nqabdet mill-Kontrollur tad-Dwana;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil attur is-somma ta’ sitt elef u hames mitt lira Maltin (Lm6500) liema somma l-attur kien hallas lil konvenut bhala prezz tal-vettura imsemmija, illum maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali datata 7 ta’ Awissu 1997 u b’hekk il-konvenut ngiunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni stante li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur stante li huwa qatt ma innegozja ma’ l-attur f’ismu proprju izda biss bhala mandatarju ta’ Elizabeth Baldacchino kif jirrizulta mit-tieni premess fic-citazzjoni.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur u dan ghaliex in-negozjati kienu dejjem isiru bhala mandatarju ta’ l-istess Elizabeth Baldacchino kif jidher fil-prokura tal-4 ta’ Awissu 1994 quddiem in-Nutar Anthony Grech Trapani, immarkat Dok A u kif jirrizulta ukoll minn skrittura bejn il-kontendenti redatta mill-konsulent legali tal-attur fit-18 ta’ Jannar 1995, immarkat bhala Dok B.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament u t-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm6,500 rapprezentanti prezz ta' vettura li sussegwentement kienet giet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana htija tal-konvenut stante li dan naqas li jhallas id-dazju fuqa kif kien miftiehem.

Illi minn naha tieghu l-konvenut qed jeccepixxi in linea preliminari li huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur stante li ma sar ebda negozju bejn l-attur u l-konvenut personalment, izda dan kien qed jidher ghan-nom ta' Marie Elizabeth Baldacchino sid il-vettura.

Illi mill-provi rrizulta li fl-4 ta' Awissu 1994 Marie Elizabeth Baldacchino sid tal-vettura Ford Sierra Cosworth numru G364NCP licenzjata fuqha, kienet tat prokura[1] lill-konvenut "authorising him to sell in my name and on my behalf.." din il-vettura, kif ukoll "to sign all necessary documentation for the transfer of this vehicle". Skond l-istess prokura l-konvenut kien inkarigat ukoll li jiehu hsieb il-hlas tad-dazju.

Illi kif jirrizulta anke mix-xhieda ta' l-attur, il-konvenut kien urieh din il-prokura u kien sar il-ftehim[2] dwar ix-xiri minn naha ta' l-attur tal-vettura in kwistjoni bil-prezz ta' Lm6,500. Rigward il-hlas tad-dazju, Alex Pisani jghid hekk: " ..[il-konvenut] qalli ghandi cans tlett xhur zmien biex inhallas id-dazju, ghax id-dazju ftehmna li nhallsu jien. Kien Lm3,900."[3]

Illi l-prezz gie imhallas mill-attur lill-konvenut, u l-vettura giet konsenjata lill-attur. Izda nonostante li dana kien accetta li jhallas id-dazju tal-vettura, id-dazju baqa' ma

[1] Dok.A – fol.12
[2] Hu pacifiku li ma sar ebda ftehim bil-miktub
[3] Fol.59

thallasx bir-rizultat li l-vettura giet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi mill-premess jirrizulta car li meta kien sar in-negozju bejn l-attur u l-konvenut, dana kien qed jidher bhala mandatarju ta’ l-imsemmija Elizabeth Baldacchino u ma rrizultax li kien ecceda l-limiti tal-mandat tieghu. Inoltre, kif ammess mill-istess attur fid-deposizzjoni[4] tieghu quddiem din il-Qorti, dana kien jaf li l-konvenut kellu prokura u li kien qed jagixxi bis-sahha taghha. Di fatti fl-istess deposizzjoni jammetti li l-konvenut kien urih l-prokura.

Illi mill-premess jirrizulta manifest li, fil-ftehim li sar bejn il-kontendenti, il-konvenut kien qed jidher bhala mandatarju ta’ Elizabeth Baldacchino u ghan-nom ta’ l-istess. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-konvenut li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur f’ dawn il-proceduri hija sotenibbli fil-fatt fid-dritt u ghandha tigi milqugha.

Illi rigward il-kap ta’ l-ispejjez, jigi osservat li meta sar il-ftehim, l-attur kien konsapevoli tal-prokura u li l-konvenut kien qed jagixxi bis-sahha taghha. Ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-attur.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez a kariku ta’ l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Fol.59